**KUNSILL LOKALI ISLA**

**IL-HAMES KUNSILL**

**LAQGHA NUMRU TLIETA U TLETIN**

Il-Kunsill Lokali Isla ltaqa' fl-Ufficju Ewlieni tal-Kunsill Lokali li jinsab fi Triq San Gu\epp, Isla nhar L-Erbgha 7 ta' Marzu, 2007 fis-6.30pm.

| | | | |
|---|---|---|---|
| Membri Pre\enti: | Joseph Casha | - | Sindku |
| | Walter Ahar | - | Vici Sindku |
| | Louis Henwood | - | Kunsillier |
| | Reno Chircop | - | Kunsillier |
| Skuzati : | Charmaine Gerada | - | Kunsillier |
| Ufficjal Pre\enti: | Alphonse Zammit | - | Segretarju Eżekuttiv |
| Udjenza : | 0 | | |

**AGENDA**

1. Approvazzjoni tal-Minuti nru. 32
2. Komunikazzjoni mis-Sindku.
3. Mistoqsijiet
4. Tenders Sweeping, Bulky Refuse, Soft Areas
5. Upgrading Dawl Gnien il-Gardjola
6. Rapport ta' Attivitajiet
7. Rapport Finanzjarju & Pending Payments
8. Rapport Finanzjarju Oct/Dec 2006
9. Draft Programme Jum l-Isla
10. Hlas ta' Pagamenti

**33 (1) Approvazzjoni tal-Minuti Nru. 32**

Il-minuti li kienu preżentati u imqassma minn qabel lil kunsilliera kollha gew mehuda bhala moqrija.

Fuq proposta tal-Kunsillier Louis Henwood u issekondat mill-Vici Sindku Walter Ahar, il-Kunsill approva nem com il-minuti kif preżentati.

**33 (2) Komunikazzjoni mis-Sindku Joseph Casha**

Is-Sindku Joseph Casha ta' rendikont tal-laqghat u il-hidma li wettaq dan il-Kunsill mill-ahhar laqgha ta' l-istess Kunsill.

33 (2) 1 Upgrading ta' Dawl fi Gnien il-Gardjola 12 ta' Frar 2007

Is-Sindku Joseph Casha kellhu laqgha mas-Sur Mario Camilleri ta' l-ITC dwar upgrading fid-dawl preżenti fi Gnien il-Gardjola. Sejjer jibghat quotation.

33 (2) 2 Tender gbir ta' skart domestiku 19 ta' Frar 2007

Fil-laqgha li saret fil-Kunsill Lokali tal-Kalkara is-Sindku Joseph Casha ressaq id-deciżjoni li qabel maghha il-Kunsill fil-laqgha ta' qabel (nru. 32) li jintagħżel l-irhas offerta dik tas-Sur Paul Cutajar bil-kundizzjonijiet kif preżentati minn dan il-Kunsill. Sar qbil mas-sur Cutajar li jibda mill-1 ta' Marzu 2007. (Dettalji tal-kundizzjonijiet mehmuża).

33 (2) 3 Programm ta' xogholijiet fi Triq iż-|ewg Mini 21 ta' Frar 2007

Is-Sindku kellu laqgha mal-Perit Lawrence Mintoff. Gibed l-attenzjoni li hemm hafna terrapien u tarmac fil-mainholes u li it-tarmac fin-niżla il-wieqfa qed jinqala'. Il-Perit wissa' lill-kuntrattur biex immedjatament jitnaddfu il-mainholes u biex it-tarmac jinqala' u jerga' jinghata mill-gdid.

33 (2) 4 Laqgha mal-Global Capital 22 ta' Frar 2007

Biex jigl esplorat kif din il-kumpanija tista' tghin finanzjarjament lil Kunsill Lokali biex itella' attivitajiet kulturali fit-tifkira ta' Jum l-Isla.

33 (2) 5 Korsijiet Computer 22 ta' Frar 2007

Saret laqgha ma Charles Camilleri dwar il-korsijiet tal-computer li sejjrin isiru mill-Kunsill fil-granet li gejjin. Dahlu 33 applikazzjoni u sejrin issiru kors ghall-adulti u żewg korsijiet ghat-tfal.

33 (2) 6 Access 23 ta' Frar 2007

Is-Sindku Joseph Casha flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv kellhu laqgha fl-ufficcju tal-Kunsill mas-sinjorina Bernice Farrugia mill-Access. Inghata taghrif dwar programmi godda li bi hsiebha issiru fil-komunita' u dwar diffikultajiet li qeghdin isibu fil-lokal biex iwettqu il-hidma taghhom.

33 (2) 7 Programm Saggio Banda Vincitrice 23 ta' Frar 2007

Is-Sindku attenda ghal dan il-programm mużikali li gie mtella' mill-allievii ta' din is-socjeta' filarmonika, ibbażat fuq dak li jkunu taghllmu matul is-sena fil-preżenza tal-genituri taghhom.

33 (2) 8 Kumitat Konsultattiv 25 ta' Frar 2007

Saret l-ewwel laqgha ta' dan is-sotto kumitat fejn gew mfissra l-ghanijiet u il-hidma li dan is-sotto kumitat irid iwettaq. Infatti hargu hafna suggerimenti u opinjonijiet validi. Fil-fatt minn dawn l-ideat gie ifformulat draft programme ta' attivitajiet ghal granet ta' Jum l-Isla. (kopja mehmuża)

33 (2) 9 Restoration Unit 26 ta' Frar 2007

Is-Sindku Joseph Casha kellu laqgha mas-sur Ray Tabone u haddiema ta' l-Enemalta dwar ix-xoghol ta' dawl li ghandu jsir fid-dahla ta' l-Isla u in-Nicca Sant'Anna.

Ghalkemm dan ix-xoghol ga kien gie approvat jidher li ghada ma saritx applikazzjoni lil ADT. Jekk dan ma jsirx hemm ic-cans li dan il-progett jintilef.. Is-Sindku insista biex dak li ghandu jsir jigi mwettaq biex ma jigrix bhal ma gara meta intilef progett iehor ta' l-embellishment tal-Belveder u l-upgrading ta' Gnien il-Gardjola.

33 (2) 10 Laqgha Segretarju PN Lokali Isla 26 ta' Frar 2007

Kellimt lis-sur Frans Bugeja Segretarju PN fil-preżenza tal-kumitat responsabbli mix-xoghol dwar ix-xoghol li qieghed isir u scaffolding li m'hemmx net biex tipprotegi ir-residenti mill-gebel u it-terrapien.

33 (2) 11 Logos II Cerimonja ta' Ftuh 2 ta' Marzu 2007

Is-Sindku Joseph Casha u is-Segretarju Eżekuttiv attendew ghac-cerimonja ta' ftuh li saret biex jikkomemoraw il-migja ta' dan il-vapur fil-port li sejjer idum hawn ghal xahar. Fuq dan il-vapur hemm fiera ta' kotba u wiehed jista' jixtri kotba bl-irhis. Il-kunsill ha din l-opportunita' u xtara b'kemm jiswew Lm70 kotba biex jintużaw fil-Librerija Pubblika Lokali.

33 (2) 12 Inizjattiva biex jigu restawrati postijiet fl-Isla 7 ta' Marzu 2007

Is-Sindku Joseph Casha kellhu laqgha mas-sinjura Ninette Sammut fejn żaru postijiet bhal l-Arzella u Portu Salvu. Hija wriet ix-xewqa li ssir taf aktar dwar dawn il-postijiet qabel issehh restawrazzjoni taghhom. Il-Heritage Malta ghandu jigi mgharraf b'dan. Ghalhekk importanti li qabel kollox jingabar hafna aktar taghrif dwar dawn il-postijiet. Hija lesta tghin sabiex jingiebu fondi mill-Unjoni Ewropeja.

Dwar is-Sally Port hija qalet li jidher li hemm hafna affarijiet antika u ahjar li saru ftit taż-żmien ilu. Jkun tajjeb li jingabar aktar taghrif minn nies anzjani li jistghu jghatu aktar hjiel dwar dan il-port.

33 (2) 13 Korrispondenza (Rcevuta u mibghuta bejn is-7 ta' Frar 2007 u is-7 ta' Marzu 2007)

| | |
|---|---|
| **04/0248/07/I**<br>**04/0404/07/I** | **Devoluzzjoni ta' Dawl mill-Enemalta**<br><br>L-Assoccjazzjoni tal-Kunsilli Lokali (AKL) infurmat lil Kunsill kif ghandu jitratta f'dan ir-rigward wara li l-Assoccjazzjoni irrifjutat żvilupp fil-laqgha li kellha ma l-Enemalta (Aktar taghrif mehmuż ma dawn il-Minuti) |
| | |
| **04/0251/07/I** | **Talba ghal Reception (Tieg) fi Gnien il-Gardjola.**<br><br>Il-Kunsill kellhu talba mis-sinjorina Graziella Cutajar u A. Stephen Tally. Il-Kunsill sejjer imexxi skond il-kundizzjonijiet tal-bye-law ta' Gnien il-Gardjola. (Kopja tat-talba mehmuża) |
| | |
| **04/0255/07/I** | **Kiri Sala Kunsill**<br><br>Talba ghall-użu tas-Sala Birthday Party minn Olaine ghat-12 ta' Marzu 2007. Il-Kunsill approva skond il-kundizzjonijiet tal-Bye-Law. |
| | |
| **04/0256/07/I** | **Kiri Sala Kunsill**<br><br>Talba ghall-użu tas-sala birthday party minn Josephine Delia ghat-tifla taghha fil-31 ta' Marzu 2007. Il-kunsill approva skond il-kundizzjonijiet tal-Bye-Law. |
| | |
| **04/0299/07/I** | **Kiri Sala Kunsill**<br><br>Talba ghall-użu tas-sala ghal birthday party minn Rodney Muscat fit-18 ta' Marzu 2007. Il-Kunsill approva skond il-kundizzjonijiet tal-Bye-Law. |
| | |
| **04/0313/07/I** | **Trangar ta' landscaping Triq il-Habs l-Antik** |

| | |
|---|---|
| | Id-dipartiment tal-bini u tiswijiet tad-djar permezz tal-Ministeru tal-Familja u Solidarjeta' Socjali approva it-talba tal-Kunsill u sejjer jaghmel tajjeb ghal dan ix-xoghol li sejjer jiswa' Lm1645.16 |
| | |
| **04/0314/07/I** | **<u>ERDF Projects fl-Isla</u>**<br><br>Il-Kunsill informa lil Donna Micallef dwar tlett progetti indikati mill-Kunsill (kopja mehmuża) |
| | |
| **04/0315/07/I** | **<u>L-ewro u il-Kunsill Lokali</u>**<br><br>Cirkulari mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali dwar mistoqsijiet u twegibiet fuq l-introduzzjoni ta' l-Ewro. |
| | |
| **04/0317/07/I** | **<u>Process ghall-introduzzjoni ta' l-Ewro. Memo 3/07</u>**<br><br>Id-Dipartiment tal-Gvern Lokali baghat jinforma lil Kunsill Lokali dwar dan il-process (Dawn il-figuri iridu jkunu bil-Lira Maltija u fl-Ewro) |
| | |
| **04/0337/07/I** | **<u>Bye-Laws tal-Kunsill</u>**<br><br>Dr. Jose' Herrera baghat il-versjoni bl-ingliz tal-Bye-Law tas-Sala tal-Kunsill u Gnien il-Gardjola.<br><br>Din sejra tintbaghat lid-Dipartiment ghal Gvern Lokali. |
| | |
| **04/0349/07/I** | **<u>Avviż Legali nru 18/07</u>**<br><br>Dan jitratta dwar regolament ta' l-2007 li jemenda ir-regolamenti dwar Kunsilli Lokali (Finanzi) |
| | |
| **04/0376/06/I** | **<u>Progett Anna Lindht</u>**<br><br>Paragon Ltd. baghtet it-talbiet taghha dwar dan il-progett minhabba li is-Segretarju Eżekuttiv mhux qed jaqbel ma l-interpretazzjoni tieghu ta' hlas skond il-ftehim milhuq. |
| | |
| **04/0377/07/I** | **<u>Propjeta' devoluta lil Kunsill</u>**<br><br>Fuq talba tad-Dipartiment ghal Gvern Lokali il-Kunsill sejjer jibghat rapport żghir dwar l-użu ta' propjeta' li hija devoluta lill-Kunsill. |
| | |
| **04/0381/07/I** | **<u>Talba biex isir hadid fuq bankina.</u>**<br><br>Il-Kunsill ma qabilx li ssir hadida fi Triq il-Vitorja kantuniera ma |

| | |
|---|---|
| | Triq San Lawrenz. Il-Kunsill qabel li jsiru yellow lines minflok. |
| | |
| **04/0387/07/I** | **<u>Talba biex titella lanca ghat-tiswija</u>**<br><br>Il-Kunsill qed jaqbel ma din it-talba tas-sur Lawrence Zaffarese. Il-hlas huwa dak ta' Lm2.00 kuljum. |
| | |
| **04/0382/07/I** | **<u>Mistoqsija Parlamentari nru. 23977</u>**<br><br>Mil-Ministeru tal-Gustizzja dwar in-numru ta' haddiema li ghandu mieghu il-Kunsill. |
| | |
| **04/0397/07/I** | **<u>Kiri tas-Sala tal-Kunsill</u>**<br><br>Il-kunsill approva din it-talba tas-sinjura Luky Debono ghal 25 ta' Mejju 2007 bil-kundizzjonijiet tal-Bye-Law |
| | |
| **04/0400/07/I** | **<u>Partnership Proposal (THEPAN)</u>**<br><br>Il-Kunsill qabel li jidhol bhala sieheb mal-Municipat ta' Eleftherio – Kordelio, Thessaloniki fit-Tramuntana tal-Grecja. Il-progett jismu THEPAN (European Youth Broadband Park) li huwa l-ikbar progett ta' l-e-government fil-Grecja. Dan huwa progett ta' network no. 153347/KT 2443.B (kopja mehmuża) |
| | |
| **04/0401/07/I** | **<u>Laqgha ghal Kunsilliera tar-regjun tal-Majjistral ta' Malta 24 ta' Frar 2007)</u>**<br><br>Stqarrija ghal istampa dwar din il-laqgha. |
| | |
| **04/0402/07/I** | **<u>New Epoc – Konferenza f'Malta</u>**<br><br>Mr. Kersten Seidel sejjer jkun Malta fit-22 u it-23 ta' Marzu 2007 fejn sejjer ihejji ghal konferenza li sejjra issir Malta. Is-Sindku Joseph Casha u Is-Sindku ta' Bormla Joseph Scerri huma mistiedna ghal din il-konferenza. |
| | |
| **04/0409/07/I** | **<u>Memo 6/2007 dwar il-Euro</u>**<br><br>Il-Kunsill ircieva dan it-taghrif fuq il-process ghal bidla fl-Ewro mid-Dipartiment ghal Gvern Lokali. |
| | |
| **04/0410/07/I** | **<u>Attivitajiet tal-Knisja</u>**<br><br>L-arcipriet informa lil Kunsill bl-attivitajiet li il-Parrocca sejra ittella f'Awissu bhala tifkira tal-50 sena anniversarju tal-konsagrazzjoni tal-bażilika wara il-Gwerra. |
| | |
| **04/0260/07/I** | M'Anne Agius, superjura tal-Museum qeghda titlob Reserved Parking quddiem il-mużew ghax skond it-tabib privat taghha Dr. Joe Tonna tbati mill-marda CVA |

| | |
|---|---|
| 04/0292/07/I | **<u>Talba mis-sur John Cilia, 39, Triq is-Sur, Isla</u>**<br><br>Nixtieq inressaq dan l-ilment ghan-nom ta' parti minn nies li joqghodu fuq is-sur. Jiena mal-bitha tieghi hemm bicca art mitluqa u sdingata. Ili nitlob biex titnaddaf pero dejjem waqghu fuq widnejn torox. Jiddispjacini ta' dan u xi nghidu fuq il-grieden li fiha. Nikteb lis-Civil Protection, Lilian Camilleri – Sanita' |
| | |

**33 (3) Mistoqsijiet**

Ma kienx hemm mistoqsijiet x'jitwiegbu.

**33 (4) Tenders (SCS 04) (BR 04) (PKG 04)**

Is-Sindku ippreżenta lista ta' offerti li nfethu ghal dawn it-tlett tenders (kopji mehmuża).

Kien hemm : 5 offerti ghal tender SCS 04
3 offerti ghal tender BR 04
3 offerti ghal tender PKG 04

Il-Kunsill qabel li dawn it-tenders ghandhom jigu diskussi f'laqgha apposta tal-Kunsill li sejjra issir nhar l-Erbgha 21 ta' Marzu 2007.

**33 (5) Upgrading Gnien il-Gardjola**

Ghamilt laqgha ukoll ma Steve Calleja dwar upgrading tal-Gardjola. Huwa ghamel suggeriment li jinbidel id-dawl tal-lanterni fejn il-Gardjola tibqa' bl-istess atmosfera imma tkun imdawla iktar. Mhux jirrakomanda li jsir dawl bhal rifletturi mas-sigar, forsi jistghu jsiru fustuni puliti. Tigi mixghula aktar il-Gardjola bi spot lights.

**33 (6) Rapport Attivitajiet imtella mill-Kunsill**

Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta rapport finanzjarju ta' l-attivitajiet imtella' mill-Kunsill bejn Settembru 2006 u Frar 2007 (Kopji mehmuża)

Dan ir-rapport ser jithalla ghad-diskussjoni ghal-laqgha tal-Kunsill li jmiss (Nru 34)

## 33 (7) Rapport Finanzjarju & Pending Payments

Dan sejjer jitressaq aktar tard.

## 33 (8) Rapport Finanzjarju Ottubru / Dicembru 2006

Dan ir-rapport gie preżentat ghal approvazzjoni tal-Kunsill.

L-accountant tal-Kunsill, is-sinjura Romina Perici Ferrante kienet preżenti waqt il-laqgha u fissret il-figuri ta' dan ir-rapport. Hija wiegbet b'soddisfazzjon ghal mistoqsijiet li saru mill-membri tal-Kunsill.

Nota:

8 (1) Fuq proposta tal-Vicl Sindku Walter Ahar, issekondat mill-Kunsillier Reno Chircop, il-Kunsill approva unanimament dan ir-rapport kif kien preżentat.

## 33 (9) Programm Temporanju ghal Jum l-Isla.

Is-Sindku Joseph Casha ippreżenta draft programme ta' l-attivitajiet proposti ghal żmien ta' Jum l-Isla. Dan il-programm sar bl-ghajnuna tal-grupp li qed jahdem fis-sotto kumitat konsultattiv. (Kopja tad-draft programme mehmuża).

9 (1) Il-Kunsill qed jipproponi li jissusidja l-attivitajiet ta' dan il-perjodu bl-ammont ta' bejn Lm800 u Lm1000.

## 33 (10) Hlas ta' Pagamenti

Fuq proposta tal-Kunsillier Louis Henwood, issekondat mill-Kunsillier Reno Chircop,il-Kunsill approva il-hlas ta' pagamenti li jammontaw ghal Lm12,570.20 u Lm1, 480.76

Il-laqgha ntemmet fid-9.51pm.

Konfermati bhala konsistenti u korretti nhar

---

Joseph Casha
Sindku

Alphonse Zammit
Segretarju Eżekuttiv

Adenda ghal Minuti tal-laqgha tal-Kunsill nru 33 li inżammet fis-7 ta’ Marzu 2007.

F’minuta 33 (2) 13 pagna 7 tiżdied din il-korrispondenza li bi svista thalliet barra.

| | |
|---|---|
| 04/0426/07/I | Familja Camilleri kitbet lill-Kunsill fejn qeghda titlob reserved area ta’ żewg karozzi u li titnehha hadida li taghlaq parti mit-triq ghat-18 ta’ Mejju 2007 minhabba it-tieg tat-tifla. |
| | |

| | |
|---|---|
| 04/0456/07/I | Il-Cottonera Rehabilitation Committee ser jaghmlu mutiny fit-18 ta' Marzu 2007 fl-istess post, il-Birgu, bl-agenda: Progetti 2007 u Progett Dock Nru. 1 |
| | |
| 04/0459/07/I | Spettur mid-Dipartiment Kriminali Michael Mallia baghat jinfurmana ghal laqgha ta' kull xahar biex isir appuntament. |
| | |
| 04/0460/07/I | Kopja ta' e-mail mibghuta lil Konslu ghal Malta Mr. Tonio Casapinta mir-Repubblika Ceka Adela Rubesora fejn qeghda tinfurmana li il-proposti intoghgbu hafna u qeghdin jigu diskussi minn kumitat apposta ta' relazzjonijiet internazzjonali. |